**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-04 ta' Dicembru, 2018**

**Talba numru 485/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 29**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Skyparks Business Centre,**

**Malta International Airport**

**Luqa LQA 4000**

**Vs**

**Josef Majri (K.I. 125797M)**

**219, Dove's Court, Flat 4,**

**Triq San Anard**

**Hal Tarxien**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Ottubru, 2018 li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi ordnat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn sebgha u hamsin ewro u tlieta u sittin centezmu (€1,257.63c) dovuta in konnessjoni ma' servizzi rezi ta' telefonija cellular bil-kont numru 1.11018363 fuq talba u a beneficcju tal-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn sebgha u hamsin ewro u tlieta u sittin centezmu (€1,257.63c) bl-imghax legali mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**